



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 8.6.2007
KUMM(2007) 309 finali

2007/0105 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, rigward il-parteeċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika ta' San Marino daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2002.

Il-Ftehim jinħtieġ ġigi emendat biex jinkludi l-Istati Membri l-ġodda bħala Partijiet Kontraenti.

Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fil-25 ta' April 2006, ġew konklużi n-negożjati mar-Repubblika ta' San Marino dwar l-adattament tal-Ftehim.

Il-bażijiet legali għad-deċiżjoni tal-Kunsill proposta dwar il-konklużjoni tal-Protokoll huma l-istess bħal dawk tal-Ftehim.

F'konformità ma' l-Artikolu 6(2) tal-Protokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti tad-dħul fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, il-Kummissjoni għandha tissottometti abbozz tal-Protokoll li għandu jkun konkluż mill-Kunsill.

Huwa propost li l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni mehmuża dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino minħabba t-tkabbir ta' l-UE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 133 u 308, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti tad-dħul fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

Billi:

- (1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fil-25 ta' April 2006, ġew konklużi n-negożjati mar-Repubblika ta' San Marino dwar Protokoll għall-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, wara li ġiet konkluża l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea
- (2) F'konformità ma' l-Artikolu 6(2) tal-Protokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti tad-dħul fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, il-Kummissjoni sottomettiet abbozz tal-Protokoll lill-Kunsill.
- (3) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż,

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² Opinjoni tal-PE

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), qiegħed b'dan jiġi approvat fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Protokoll fisem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill, fisem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, għandu jittrażmetti l-istrument ta' approvazzjoni msemmi fl-Artikolu 3 tal-Protokoll.

Magħmula fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President
[...]*

ANNEX

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA				
DATA:				
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: n.a.	L- APPROPRJAZZJONI IET:		
2.	TITOLU: Il-Protokoll mal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, dwar il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, wara l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea			
3.	BAŻI LEGALI: L-Artikoli 133 u 308, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tat-Trattat tal-KE L-Artikolu 6(2) tal-Protokoll dwar il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.			
4.	GĦANIJIET:			
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR	SENA FINANZJARJA ATTWALI [n] (miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA SEGWENTI [n+1] (miljuni ta' EUR)
	Xejn	(miljuni ta' EUR)	(miljuni ta' EUR)	(miljuni ta' EUR)
5.0	NEFQA - MILL-BAĠIT TAL-KE (ĦLAS LURA/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	Xejn	Xejn	Xejn
5.1	DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-KE (IMPOSTI/DAZZI DOGANALI) - NAZZJONALI	Xejn	Xejn	Xejn
5.0.1	NEFQA STMATA	[n+2]	[n+3]	[n+4]
5.1.1	DĦUL STMAT			[n+5]
5.2	METODU TA' KALKOLU:			
6.0	JISTA' L-PROĠETT JIĠI FFINANZJAT MINN APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?			IVA
6.1	JISTA' L-PROĠETT JIĠI FFINANZJAT MINN TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?			LE
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?			LE
6.3	L-APPROPRJAZZJONIJIET SE JKOLLHOM JIDDAĦĦLU F'BAĠITS FUTURI?			LE
KUMMENTI:				

Il-Protokoll għall-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU, IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-RENJU TAD-DANIMARKA, IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA, IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA, IR-REPUBBLIKA ELLENIKA, IR-RENJU TA' SPANJA, IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA, L-IRLANDA, IR-REPUBBLIKA TALJANA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU, IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA, IR-REPUBBLIKA TA' MALTA, IR-RENJU TA' L-OLANDA, IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA, IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA, IR-RUMANIJA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA, IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA, IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA, IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, (L-"ISTATI MEMBRI")

irrappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

irrappreżentata wkoll mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

minn naħa waħda

u

IR-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO,

min-naħa l-oħra,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino tas-16 ta' Diċembru 1991 ("il-Ftehim"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2002,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ("l-Istati Membri l-ġodda") fl-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Jannar 2007,

BILLI l-Istati Membri l-ġodda ser isiru Partijiet Kontraenti fil-Ftehim,

BILLI t-Trattat ta' Adeżjoni jagħti lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea s-setgħa li jikkonkludi, f'isem l-Istati Membri attwali u l-Istati Membri ġodda, protokoll dwar l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fil-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Istati Membri l-ġodda b'dan isiru Partijiet Kontraenti fil-Ftehim. Bl-istess mod bħall-Istati Membri attwali, huma għandhom jadottaw u jieħdu qies tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet annessi miegħui.

Artikolu 2

Dan il-Protokoll għandu jkun parti integrali mill-Ftehim.

Artikolu 3

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, fisem l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea, u mir-Repubblika ta' San Marino b' konformità mal-proċeduri tagħhom.
2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tweqqi ta' dawn il-proċeduri. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu ta' l-aħħar strument ta' approvazzjoni.

Artikolu 5

It-testi tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet annessi miegħu huma miktuba fl-ilsien Bulgaru u dak Rumen.

Huma annessi ma' dan il-Protokoll u huma ugwalmart awtentiċi bħat-testi fl-ilsna l-oħra li bihom huma miktuba l-Ftehim u d-Dikjarazzjonijiet annessi miegħu.

Artikolu 6

Dan il-Protokoll huwa ppubblikat f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estoni, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalmart awtentiku.

Magħmul f'...fil-...jum ta'...fis-sena elfejn u sebgħa.

Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

[...]

Għar-Repubblika ta' San Marino

[...]